

Dispożittiv

(1) *Id-digriet tal-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2009, U vs Il-Parlament (F-92/09 R, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra) huwa annullat.*

(2) *It-talba għal miżuri provviżorji mressqa minn U hija miċħuda.*

(3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

(¹) ĠU C 113, 01.05.2010.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2009 — Campailla vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-429/09)

(2010/C 161/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Massimo Campailla (Boulogne-sur Mer, Franza) (rappreżentant: P. Goergen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas ta' kumpens għad-dannu subit mir-rikorrent minħabba li l-Kummissjoni rrifjutat li tieħu miżuri wara l-ilment tiegħu dwar okkorrenzi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu mill-awtoritajiet tal-Kamerun.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors preżenti, ir-rikorrent jitlob kumpens għad-dannu allegatament subit minħabba d-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni, inklużi fl-ittra D3 *3/2004/D/4809, tat-30 ta' Lulju 2004, u l-ittra D3 D*3/2004/D/5438, tad-9 ta' Settembru 2004, indirizzati lir-rikorrent, li permezz tagħhom il-Kummissjoni rrifjutat li tieħu miżuri wara l-ilment tiegħu dwar allegati okkorrenzi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu mill-awtoritajiet tal-Kamerun.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motivi bbażati fuq l-illegalità tad-deċizzjoni minħabba ż-żnaturament tal-fatti u l-abbuż tal-poter kif ukoll ksur tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji tat-Trattat KE u tat-Trattat UE kif ukoll tad-drittijiet fundamentali tiegħu ggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedam u tal-Libertajiet Fundamen-

tali u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (*inter alia*: il-prinċipji taċ-ċertezza legali, tal-aspettattivi leġittimi, tal-amministrazzjoni tajba, tal-obbligu tan-nondiskriminazzjoni, ta' tmexxija tajba, tal-osservanza tal-forom proċedurali sostanzjali, tal-projbizzjoni tat-trattament inuman u degradanti).

Appell ippreżentat fit-12 ta' April 2010 minn V mis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ottubru 2010 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-33/09, V vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-510/09 P)

(2010/C 161/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: V (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: E. Boigelot, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

— tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat u, konsegwentement,

— tannulla s-sentenza appellata mogħtija fil-21 ta' Ottubru 2009 mill-Ewwel Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża F-33/08, u nnotifikata lill-appellanti fis-26 ta' Ottubru 2009, li biha hija tiċħad bħala infondat ir-rikors tal-appellanti intiż għall-annullament tad-deċizzjoni tal-15 ta' Mejju 2007 li biha l-Kummissjoni informatha li hija ma ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet ta' kapaċità fiżika meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha u għall-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallasha d-danni għad-dannu li hija tallega li subiet;

— tilqa' t-talbiet tal-appellanti li hija ressqet quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Motivi u argumenti prinċipali

B'dan l-appell, l-appellanti titlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP), tal-21 ta' Ottubru 2009, mogħtija fil-kawża V vs Il-Kummissjoni, F-33/08, li tiċħad ir-rikors li għandu bħala suġġett l-annullament tad-deċizzjoni tal-Kummissjoni li ma timpjegax lill-appellanti għar-raġuni li hija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' kapaċità fiżika meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet, kif ukoll talba għad-danni.